# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 572/00 MM**

**The Sound System (Audiovisuals) Limited**

**vs**

**Jetglass Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. Illi b'avviz is-socjeta' appellata talbet sabiex is-socjeta' appellanti tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt mija u erbgha u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm634.45) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' oggetti u cioe' "audiovisual equipment" lilek mikrija mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Marzu 2000, u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta mis-26 ta' Mejju 1998 sad-data tal-eventwali pagament li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

**IL-KAPITLU TAS-SOCJETA' APPELLATA**

2. Illi fil-5 ta' Gunju 2000, meta ssejhet il-kawza, s-socjeta' appellanta ma dehritx u ghalhekk is-socjeta' appellata pprezentat il-kapitoli sabiex l-istess socjeta' appellanti twiegeb ghalihom bil-gurament.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Illi fit-12 ta' Gunju 2000, ma deher hadd mill-partijiet inghatat is-sentenza li minnha qed issir l-appell odjern. Illi l-Qorti tal-Magistrati f'dik is-sentenza qalet illi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta' Gunju 2000, meta gew ipprezentat il-kapitoli u lanqas illum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

4. Is-socjeta' konvenuta hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravji segwenti :-

(a) Illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2000, is-socjeta' attrici appellata kienet ipprezentat il-kapitoli u dan peress illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma dehritx. Illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2000, cioe' dakinhar

meta nghtatat is-sentenza li minnha qed issir appell, il-konsulent legali tas-socjeta' konvenuta deher fid-9:02am quddiem il-Qorti u r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta deher xi minuti wara bl-intenzjoni illi jikkontesta din il-kawza. Pero', meta huma dahlu gewwa l-awla f'dan il-hin huma irrejalizzaw illi kienet diga' nghatat is-sentenza.

(b) Illi d-difensur tas-socjeta' konvenuta appellanta kien diga' tkellem mad-difensur tas-socjeta' appellanti fis-sens illi din kienet ser tikkontesta t-talbiet taghha ; Illi in effetti anke dak il-hin stess id-difensur tas-socjeta' appellata fejn dan ta' l-ahhar stqarr meta dahal fl-awla kienet diga' nghatat is-sentenza u effettivament allura ma kienx huwa li sejjah il-kawza sabiex tinghata s-sentenza.

(c) Illi dakinhar tas-sentenza u cioe' fit-12 ta' Gunju 2000 ghalkemm ma kien deher hadd mill-partijiet almenu sad-9:02am il-kawza giet deciza u dan skond ma jindika d-dokument immarkat bhala Dok A.

(d) Illi qatt ma kienet l-intenzjoni tas-socjeta' appellanti illi n-nota ta' mistoqsijiet ipprezentata tigi mistqarra u dan bil-fatti stante li dakinhar tas-seduta (12 ta' Gunju 2000) ir-rapprezentant legali flimkien mar-rapprezentant ta' l-istess socjeta' appellanta kienu marru ghas-seduta

(e) Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta appellanta ghandha tinghata l-opportunita' sabiex tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha u b'hekk tigi dikjarata nulla s-sentenza appellata.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta appellanti talbet illi s-sentenza li giet moghtija fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi mill-Qorti tal-Magistrati datata 12 ta' Gunju 2000, tigi revokata bl-ispejjez, tilqa' l-appell tas-socjeta' konvenuta appellanta u takkordalha zmien biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

Trattat l-appell u wara hi kkunsidrat kif gej :-

5. L-appellant jillanja mill-fatt li meta huwa kien immanifesta l-intenzjoni tieghu – tramite l-avukat tieghu, li kien fi hsiebu jikkontesta t-talba attrici li dwarha kien gie pprezentat kapitlu, l-ewwel Qorti ghaddiet xorta wahda ghall-prolazzjoni tas-sentenza minghajr ma nghatat lilu l-opportunita' allura li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet in kontestazzjoni tat-talba attrici jew wiegeb ghat-talba attrici.

6. Mhux ikkontestat il-fatt li l-avviz ta' l-appellat gie pprezentat fil-5 ta' Mejju 2000 u l-kawza thalliet ghas-smiegh ghall-5 ta' Gunju 2000.

Skond verbal datat il-5 ta' Gunju 2001 (fol. 5 tal-process), met ssejhet il-kawza ma deher hadd u wara li giet proposta u ssejhet mill-gdid deher biss il-patrocinat legali tas-socjeta' appellata li pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut nomine (fol. 6). Ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2000, u wara li meta ssejhet il-kawza ma deher hadd (fol. 7), il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

7. L-appellant tella' xhieda fl-istadju ta' l-appell wara li nghata tali fakolta' minn din il-Qorti, biex juri kif effettivament kemm hu kif ukoll il-legali tieghu dakinhar tat-12 ta' Gunju 2000, huma kienu prezenti l-Qorti, izda gara li sakemm dawn attwalment dahlu fl-awla tal-Qorti f'xi hin bejn id-9:02am u d-9:05am, il-Qorti tal-Magistrati gja' kienet tat is-sentenza appellata. Id-difensur ta' l-appellant xehed ukoll fis-sens li huwa gja' kien tkellem mal-konsulent legali tal-appellat biex jamminifesta l-intenzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija kienet sejra tikkontesta t-talba attrici. Dan il-fatt gie korroborat ukoll da parti tal-legali tas-socjeta' attrici appellata.

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm jidher li ghal dak li jirrigwarda l-veradicita' u s-sekwenza tal-fatti kif esposti mill-appellant, dawn jidhru korretti u pacifiki, xorta wahda jezistu ragunijiet ta' natura legali u procedurali li jimmilitaw serjament kontra t-talba ta' l-appellant.

Fl-ewwel lok, m'huwiex ikkontestat il-fatt li kemm ghas-seduta tal-5 ta' Gunju 2000 u dik tat-12 ta' Gunju 2000, hadd ma deher ghas-socjeta' konvenuta meta l-kawza giet imsejha. Minbarra dan, hemm ukoll il-fatt li in assenza ta' prezentata ta' twegiba per via ta' eccezzjonijiet ghat-talba attrici, l-appellant ma intavola l-ebda rikors bejn id-data tal-5 ta' Gunju u dik tat-12 ta' Gunju 2000 biex b'xi mod juri lill-Qorti li kien fi hsiebu jikkontesta t-talba u jitlob li l-Kapitlu ma jigix akkolt. L-ewwel Qorti kienet entro l-limiti tal-legalita' meta ghaddiet ghal-prolazzjoni tas-sentenza appellata wara l-hin tad-disgha ta' filghodu. Il-fatt li difensur legali jkun tkellem mal-avukat tal-kontroparti m'huwiex bizzejjed biex jannulla decizjoni tal-Qorti, meta dan il-ftehim ma jkunx ukoll gie registrat u kwindi sar jifforma parti mill-atti tal-process. Hu principju procedurali ben stabbilit u segwit li "quod non est in actis non est in mundo" u dan bir-ragun huwa hekk il-ghaliex, diversament jirrenja l-kaos u d-dizgwid minflok ic-certezza tal-verbali u ta' l-atti tal-kawza. Li kieku kellu jirrizulta li kollox sehh f'temp ta' seduta wahda jew minn jum ghall-ghada, forsi l-ezitu jew il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti kienu jkunu mod iehor imma gja' inghad li bejn differiment iehor kien hemm distakk ta' gimgha. Minbarra l-fatt li l-avviz ghas-smigh kien ilu li gie notifikat lis-socjeta' konvenuta sa mit-12 ta' Mejju 2000. Ghandu fl-ahharnett jigi osservat ukoll li ghalkemm l-appellant, ghal ragunijiet ovvji, sahaq l-aktar fuq it-tieni u l-ahhar seduta tat-12 ta' Gunju 2000, ftit li xejn ma jispjega r-raguni l-ghala naqas milli jidher ghall-ewwel appuntament tal-kawza, jigifieri dik in data tal-5 ta' Gunju 2000. Kien dan l-ewwel

nuqqas gravi u ingustifikat tieghu li pprecipita s-sitwazzjoni tieghu wara li gie pprezentat kapitlu a tenur ta' l-artikolu 698 (1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sejha ghas-subizzjoni tas-socjeta' appellanti a tenur ta' l-artikolu 702 tal-Kap. 12, kienet del resto tirrizulta kjarament fl-avviz promotorju nnotifikat lis-socjeta' konvenuta appellanti u, kwindi, ma hemm l-ebda raguni ghall-akkoljiment ta' l-appell interpost.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg